**KUNSILL LOKALI**
**SANTA VENERA**

**SANTA VENERA**
**LOCAL COUNCIL**

**33/19**

**It-Tlieta u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-15 ta' Diċembru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata:
    (a) Tender- Avukat (għal servizzi Legali)
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 32/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 32/19**

Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti.

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa ġew approvati unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**3.1** Minuta 3.1.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li skont komunikat li l-kunsill irċieva mingħand *Healthy Steps* li ser jagħmlu diskussjoni dwar l-ansjeta' fit-tfal qed jissuġġerixxu li din għandha issir fit-28 ta' Jannar, 2015. Is-Sindku qal li apparti miż-żewġ persuni nteressati mill-lokal din il-kumpanija għandha tlett persuni nteressati li huma minn barra l-lokal li jattendu għaldaqstant huwa tal-fehma li l-Kunsill jagħmel in-nofs tal-ispiża jiġifieri €5 għar-residenti biss u dawk barra l-lokal iridu jħallsu il-pagament kollu dak ta' €10. Apparti dan kien hemm qbil sabiex isir riklamar ukoll fl-iskejjel Governattivi sabiex tiżdied il-konkorrenza.

Il-Membri qablu unanimament.

3.2 Minuta 3.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li ħareġ il-permess tal-bini ta' appartamenti u garaxxijiet (out line development permit) ta' Bandallu li hemm f'Misraħ Santa Venera ma Triq Misraħ il-Barrieri. Is-Sindku qal li wara li ħa parir mingħand l-perit Robert Sarsero ġie rrakkomandat sabiex nistennew il-*Full Development Permit* sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-osservazzjonijiet tagħna.

Is-Sur Anastasi qal li huwa tal-fehma li l-Kunsill ma joqgħodx biss fuq il-parir tal-perit biss iżda l-Kunsill għandu jieħu parir legali. Ġie ssuġġerit li l-Kunsill jista' jitlob parir mingħand Dr Pawlu Lia jew il-Professur Ian Refalo.

Is-Sindku u l-membri qablu unanimament.

**3.3** Minuta 4.1 – Dwar il-korsijiet tat-TCTC is-Sindku nforma lill-membri li dawn ser isiru kif dejjem saru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ikun irid iħallas għall-ispiża tal-pubbliċita'.

Il-Membri qablu unanimament.

**3.4** Minuta 6 – Ilmenti – Is-Sindku nforma lill-membri li wara spezzjoni li saret mill-Contracts Manager irriżulta li:

Ilment 572 – Ix-xogħol irid isir mis-Sid li bena.
Ilment 588 – F'dan l-istadju ma jista' jsir xejn.
Ilment 596 – Il-Contracts Manager għandu jmur mas-Sid fuq il-post.
Ilment 597 – Il-bankina ta' din it-triq tidher li kollox qiegħed sew bla periklu u hija waħda relattivament ġdida.

Il-Membri qablu unanimament

Fis-6.40 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer.

**3.5** Minuta 7 - Is-Sindku nforma lill-membri li għall-festin għat-tfal tal-Milied ġew japplikaw 12 il-tifel u tifla u għaldaqstant wara diskussjoni ġie deċiż li dan il-festin għandu jsir ġewwa l-bini amministrattiv tal-kunsill minħabba li l-konkorrenza hija waħda baxxa.

Il-Membri qablu unanimament

**3.6** Mnuta 9.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li huwa konfermat li ż-żjara tat-*twinning* f'Malta ser issir bejn 17 ta' Jannar 2015 u 21 ta' Jannar 2015. Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer biex jispjega kif sejrin il-preparamenti għal din iż-żjara.

Is-Sur Brimmer spjega lill-membri l-oħra li bħalissa għaddejjin diskussjoni bejn is-Sinj. Annalisa Schembri, s-Segretarju Eżekuttiv u hu fejn qiegħed isir il-programm li l-Kunsill ser jagħmel waqt din iż-żjara. Huwa kompla li l-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 fil-530 pm ser issir laqgħa mal-Għaqdiet kollha sabiex b'hekk inkunu nafu liema huma dawk l-Għaqdiet tal-Lokal li ser jagħtu l-kontribut tagħhom matul din iż-żjara. Il-Viċi Sindku qal li għall-laqgħa li jmiss ser jippreżenta l-programm tal-attivitajiet.

## 4 Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Ċentrali sabiex il-Kunsill jibgħat l-informazzjoni meħtieġa dwar il-poverta' u l-esklużjoni soċjali (taħriġ); l-abbuż u l-*bullying*; u s-sigurta' fil-komunita'. Is-Sindku qal li hu diga' għamel kuntatt ma' entitajiet fil-lokal dwar dawn s-setturi. Rigward is-sigurta' fil-komunitajiet is-Sindku huwa tal-fehma li kameras ta' sorveljanza għandhom jitpoġġew fi Triq il-Kbira San Ġużepp, fi Triq il-Kanun u fi Triq il-Ferrovija. Huwa qal li l-Kunsill għandu jibgħat l-informazzjoni li jirċievi sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru, 2014.

Il-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku ressaq Memo 30/2014 dwar Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa. Huwa qal li dan qiegħed isir sabiex jitjiebu l-ispazji pubbliċi eżistenti u oħrajn ġodda'. Fuq dan ir-rigward is-Sindku ippropona li f'Santa Venera jistgħu u hemm bżonn li jkunu irranġati dawn iż-żoni:

- Pjazza Franka li għandha bżonn tiġi irranġata.
- Ġnien Romeo Romano it-tieni l-akbar ġnien pubbliku ġewwa Malta li għandu bżonn ikun attrezzat aħjar.
- Palazz l-Aħmar fejn l-*area* għandha bżonn manutenzjoni u l-bandli għandhom bżonn jinbidlu;
- Wesgħat pubblika fi Triq il-Kanun għandha bżonn tiġi irranġata;
- Triq il-Kanun,Triq il-Ferrovija u Triq Abela fejn hemm filsa bejn binjiet li huma mitluqa u jinħtieġu li jiġu irranġati.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 597 sa lment numru 605.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 597 | Contracts Manager |
| 598 | Azzjoni ttieħdet |
| 599 | Tintbgħat ittra lis-Sur Cilia |
| 600 | Issir barrier mill-antiki |
| 601 | Logografix |
| 602 | Ġardinar |
| 603 | Transport Malta |
| 604 | Transport Malta |
| 605 | Tintbgħat ittra lir-residenti |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

(a) Tender- Avukat (għal servizzi Legali)

Is-Sindku nforma lill-membri li huwa fl-interess tal-Kunsill sabiex tinħareġ *tender* għas-servizz ta' avukat minħabba l-fatt li bħalissa l-kunsill qiegħed juża servizzi different minn diversi avukati. Barra minn hekk is-Sindku qal li qiegħed jantiċipa li fil-futur il-Kunsill ser ikollu bżonn aktar servizzi legali minħabba l-fatt tal-ħsara li wħud mill-kuntratturi qegħdin jagħmlu f'dan il-lokal. Is-Sindku irrimarka li fl-opinjoni tiegħu l-kunsill għandu jmur għat-*tender* li fih 39 paġna apparti li t-tender għandu jkun itemised u ma jkollux retainers fee jigifieri l-ħlas għandu jsir biss meta jintuża is-servizz u mhux ammont ta' flus fix-xahar. Is-Sindku informa lill-membri li huwa tal-fehma sabiex dan it-tender ikun analizzat minn avukat li għandu l-fiduċja tal-Kunsill bil-patt li min jagħmel din l-analiżi ma jkunx jista' japplika għat-tender. Ġew suġġeriti żewġ avukati Dr Donatella Frendo u Dr Vella Baldacchino.

Il-Membri qablu unanimament

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati li ġew preżentati waqt it-33 laqgħa.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Perit Ian Cutajar infurmah li Lantern Pharmacy ta' Triq il-Kebbies għandha "no objection" mill-Mepa u mill-KNPD sabiex tkun irranġata l-entratura tal-ispiżerija u b'hekk tkun aċċessibbli għan-nies b'diżabilta'. Ser tintalab ukoll "no objection" ta' Transport Malta.

Il-Membri qablu unanimament

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikazzjoni li irċieva mingħand is-Sur Chris Micallef dwar il-problema li għandu għaliex qed jidħollu d-drenaġġ fil-*basement*. Is-Sindku kompla li wara li saru l-interventi mid-WSC irriżulta li ma kien hemm l-ebda ħsara. Is-Sindku kompla billi qal li s-Sur Micallef qiegħed jinforma lill-Kunsill li dan id-drenaġġ qiegħed joskula fil-*basement* tiegħu minn ġewwa *shelter* li hemm fi Triq San Ġorġ liema *shelter* huwa magħluq. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandna nitolbu l-assistenza tal-perit.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar attivita' li tista' ssir fil-karnival fi Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq il-Parroċċa sal-parti k/m Triq l-Imsida. Huwa qal li Leon Promotions qed joffru dan il-programm għal €650, VAT inkluża fejn il-prezz jinkludi l-ko-ordinazzjoni kollha, trasport kollu involut, servizz ta' preżentatur, PA system, u anke ko-ordinaturi meħtieġa fuq il-post. Magħhom trid tiżdied l-ispiża ta' meter tad-dawl temporanju. Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-attivita' għandha ssir it-Tnejn 16 ta' Frar, 2015 mit-3.00 pm 'il quddiem.

Il-Membri qablu unanimament

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.25 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: